# Il-Maġġur Anthony Aquilina, is-Surmast tal-Marċi Maltin (1985-2005)

*L-Awtur tal-Ktieb Victor Galea*



Il-Maġġur Anthony Aquilina

Fil-21 ta' Sattembru 2015, jaħbat it-30 anniversarju mill-mewt tal-Maġġur Anthony Aquilina. Kien dam Surmast direttur mal-Banda Duke of Connaught's Own ta' Birkirkara, għal 10 snin-mis-sena 1946 sas-sena 1956.

Din hi parti mill-intervista li kont għamilt lis-Sur Charles Calleja, f'2006 li kien ħabib intimu tiegħu.

Charles beda hekk:
Il-jum tal-21 ta' Settembru tal-1985, se jibqa f'moħħi sakemm Alla jeħodni. Kien xokk kbir għalija. Kien għal-ħabta tad-9.00 ta' filgħodu meta ċempilt lill-Maġġur biex ngħidlu "Bonġu", kif kont nagħmel ta' kull filgħodu. Raddli t-tislima, u żied jgħidli li kien qed iħossu ma jiflaħx. Għidtlu biex ma jiċċaqlaqx sakemm nasal jien. Tlaqt min fuq ix-xogħol b'ġirja waħda lejn tas-Sliema. Kif wasalt id-dar tiegħu ftaħt, u lmaħtu bilqiegħda, kien jidher li mhux is-soltu, it-tbissima li kienet iżżejjinlu wiċċu kienet għebet għal kollox. U dlonk staqsejtu, "X'qed tħoss Maġġur?" u bla ma ħallejtu jweġibni, qbadt u ċempilt għal tabib.

Malajr tfaċċa, it-tabib donnu kien wara l-bieb u kif wasal għamillu test ta l-ECG. Wera li kien attakk tal-qalb. Riedu jmur lejn l-isptar, waqt li ħejjielu l-karti meħtieġa. Iżda l-Maġġur ma xtaqx jitwassal bl-ambulanza. Ried li nwasslu jien, u ma ridtx li niksirlu qalbu. Ma tliftx ħin, mort niġri biex inressaq il-karozza tiegħi wara biebu, u kif erġajt mort fuq sibtu li daħal fil-kamra tal-banju biex iqaxxar il-leħja. Kienu xil-għaxra u kwart ta' filgħodu, smajt ħoss fil-kamra tal-banju, u dħalt u sibtu fl-art b'wiċċu 'l fuq miksi sapun tal-leħja. Bla telf ta' żmien ergajt cempilt lit-tabib li ftit qabel kien magħna. Kif reġa' wasal ikkonferma li l-Maġġur kien ħalliena uħariġlu ċ-ċertifikat tal-mewt.

Niftakar li f'dak il-mument ma flaħtx inżomm iżjed u nfqajt f'bikja kbira. Ma ridtx nemmen li tlift l-akbar ħabib li kelli. Niftakar li f'leħħa ta' berqa din il-bxara ħażina li nfirxet mal-irkejjen kollha tal-gżejjer tagħna. Il-Mulej kien silfu l-għomor sabiħ ta' 79 sena. Il-funeral kien sar fl-24



Id-debutt tal-Kaptan Anthony Aquilina bħala Surmast tal-Banda "Duke of Connaught's Own" waqt programm fit-Teatru tal-Kulleġġ San Alwiġi

ta' Settembru 1985. Niftakar tista' tgħid li l-funeral kien qisu wieħed statali. Il-Maġġur jinsab midfun fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata, fil-qabar tal-każin 'King's Own' tal-Belt Valletta. (No2 West CAU)

Hekk kien irrakontali Charles Calleja dwar l-aħħar mumenti tal-Maġġur Anthony Aquilina. Tajjeb li nsemmu li Charles Calleja jiġi missier it-tenur Joseph Calleja. Charles kien ħalla din id-dinja fid-9 ta Ottubru 2009 fl-eta' ta' 63 sena.

B'hekk biss stajt inwasslilkom dan ir-rakkont.

Grazzi Charles.

Aħna Maġġur, sikwit fik niftakru,
Għax inti għadek, f'qalbna,
U ta' dan rispett jixraqlek,
Li nkomplu niftakru fik, f'talbna.

Marċi li kkompona il-Maġġur Anthony Aquilina u ġew imżanżna mill-Banda Duke of Connaught's Own



1. Is-Sur Mizzi 1946
2. Wenzinos 1947
3. Ta' Gerrew 1947
4. Ġanni Sfafar 1947
5. In-Nakku 1947
6. Is-Sur Ġiġ 1948
7. Il-Wiżna 1948
8. L-Imgħallem 1948
9. Elena Elena 1948
10. Viva x-Xemx 1948
11. Fiorentina 1949
12. Los Guitarreros 1950
13. Ċieqa u Ċelest 1950
14. The Seven Sons 1950
15. Lilly Pom Pom 1951
16. Dawk Tagħna 1951
17. Il-Bronżajju 1953
18. The Two Sisters 1953
19. Come On The Stripes 1953
20. Lilly Pom Pom The 2nd 1957